Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru 679/2015

**Mapfre Middlesea plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Jonathan Cassar kif ukoll l-istess Jonathan Cassar**

**Vs**

**Anne Pauline Beatrice Downer**

12 ta' Jannar, 2018.

1. L-atturi harrku lill-konvenuta fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghas-somma ta' €2,457.94, danni li qalet li saru fil-vettura TAXI 210 ta' Jonathan Cassar. Fl-avviz tat-talba l-atturi ddikjaraw li l-konvenuta kienet serqet il-vettura fl-1 ta' Jannar, 2014 u ghamlet hsara fiha.

2. B'sentenza tad-19 ta' Mejju, 2016 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar laqa' t-talba tal-atturi wara li osserva li l-konvenuta ma kinitx ikkontestat il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi. Zied li mill-provi t-talba tal-atturi giet sodisfacentement ippruvata.

3. Fl-1 ta' Gunju, 2016 il-konvenuta appellat mis-sentenza. L-ilmenti taghha huma:-

    i. Nullita tad-digriet tal-20 ta' April, 2016.
    ii. Ma nghatatx traduzzjoni tal-avviz tat-talba.
    iii. Notifika nvalida skont l-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.
    iv. Is-sentenza hi ultra petita ghaliex m'hemmx talba ghall-kundanna tal-hlas.

4. Fit-23 ta' Gunju, 2016, Mapfre Middlesea plc wiegbet (fol. 12) fejn tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

5. **<u>L-ewwel aggravju</u>**.

    Il-konvenuta tilmenta li d-digriet moghti mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-20 ta' April, 2016, ma kienx motivat. Jirrizulta li fis-17 ta' Marzu, 2016 l-appellanti pprezentat rikors li bih talbet lit-Tribunal jawtorizzaha tipprezenta twegiba, minhabba li ma gietx notifikata bi traduzzjoni bl-Ingliz tal-avviz tat-talba (artikolu 5(1) tal-Kap. 189) u wkoll l-avviz tat-talba kien twahhal *"ma post iehor barra residenza izda minghajr ma kienet taf x'inhi u minghajr ma*

*fehmet li din kienet karta tal-Qorti"*. Hu minnu li fid-digriet it-Tribunal ma tatx raguni ghalfejn cahad it-talba, ghalkemm wiehed ghandu jifhem li t-Tribunal ta ragun lill-argumenti li ghamlu l-atturi fit-twegiba li pprezentaw (fol. 55). Madankollu wara li l-qorti qrat l-atti u semghet ukoll lill-appellanti, izzid:

(a) id-digriet inghata waqt is-seduta tal-20 ta' April, 2016. Il-konvenuta m'attenditx ghas-seduta u kien biss wara li nghata l-provvediment li wiehed mid-difensuri attenda s-seduta (fol. 59). Id-diligenza kienet titlob li l-konvenuta tattendi ghal dik is-seduta u titlob lit-Tribunal biex tixhed dwar dak li ppremettiet fir-rikors tas-17 ta' Marzu, 2016 sabiex *viva voce* tispjega x'kien gara. Lanqas biss ma jirrizulta li saret xi talba biex jixhed l-ufficjal ezekuttiv tal-Qorti li ghamel in-notifika.
(b) kieku riedet l-appellanti kellha kull opportunita' li *ai termini* tal-artikolu 5(2) tal-Kap. 189 titlob lir-registratur biex tinghata traduzzjoni bl-Ingliz fiz-zmien tan-notifika. Haga li evidentement m'ghamlitx.
(c) Mir-rikors tas-17 ta' Marzu, 2016 hu evidenti li l-appellanti kienet irceviet l-avviz tat-talba. Ghalkemm tghid li ma kinitx taf li kellha tattendi ghal seduta quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghaliex ma tifhimx bil-Malti, il-qorti ma tistax temmen din il-verzjoni meta tikkunsidra li attendiet ghas-seduta tal-11 ta' Frar, 2016 assistita minn zewg avukati. L-appellanti ma tatx spjegazzjoni kif waslet biex tikkonsulta ma' avukat dwar il-kwistjoni.
(d) M'hemmx prova li fis-seduta tal-11 ta' Frar, 2016 l-appellanti talbet lit-Tribunal biex tiggustifika ruhha ghalfejn ma pprezentatx twegiba fit-terminu kontemplat bil-ligi. Il-qorti tippretendi li kieku kien hemm bazi, it-talba kienet issir waqt dik is-seduta u mhux xahar wara.
(e) Wara s-seduta tal-11 ta' Frar, 2016, ma kinitx prezenti ghas-seduti ta' wara (17 ta' Marzu, 2016 u 20 ta' April, 2016).

Konsiderazzjonijiet li jwasslu lill-qorti biex tichad l-aggravju.

6. **<u>Tieni aggravju.</u>**

Il-konvenuta ssostni li n-notifika mhijiex valida ghaliex ma gietx notifikata bi traduzzjoni bl-Ingliz tal-avviz tat-talba. Il-konvenuta attendiet ghas-seduta tal-11 ta' Frar, 2016 assistita minn zewg avukati, izda ma jirrizultax li talbet li tinghata kopja tal-avviz tat-talba tradott bl-Ingliz. Kieku riedet kellha kull opportunita li taghmel talba simili. Dan apparti li setghet marret ghand ir-registratur u talbet ghal traduzzjoni (ara artikolu 5(2) tal-Kap. 189). Hu evidenti li l-appellanti kienet taf li l-avviz tat-talba kien relatat ma' proceduri gudizzjarji, tant li nkarigat avukati biex jassistuha. Ladarba ma talbitx ghal traduzzjoni, l-ilment m'huwiex gustifikat.

7. **<u>Tielet aggravju.</u>**

Mill-atti jirrizulta li l-konvenuta kienet notifikata bil-procedura ta' pubblikazzjoni u affissjoni. Fir-rikors tal-appell l-appellanti qalet li:

*"[….] l-avviz promutur ma giex imwahhal mal-post tar-residenza tal-appellanti, izda fl-ewwel lok lanqas biss twahhlet ma' bieb, izda ma' xi letter box ta' residenza totalment differenti minn dik tal-appellanti".*

Ir-riferta tal-ufficjal ezekuttiv datata 24 ta' Novembru, 2015 turi mod iehor. Il-qorti hi tal-fehma li kieku l-konvenuta ma kinitx notifikata, ma kinitx ser tattendi ghas-seduta tal-11 ta' Frar, 2016 assistita minn zewg avukati. Dan apparti li mill-atti ma jirrizultax li waqt dik is-seduta sar ilment fir-rigward tan-notifika. Li kieku kien hemm fuqhiex wiehed jilmenta l-oggezzjoni kienet issir dakinhar. Filwaqt li fil-verbal tas-seduta jinghad li l-konvenuta talbet li l-proceduri jsiru bl-Ingliz, ma jissemma xejn dwar in-notifika tal-avviz tat-talba. Li hu zgur ukoll hu li wara s-seduta tal-11 ta' Frar, 2016 l-appellanti naqset milli tattendi ghal seduti li fihom instemghu provi, cjoe' dawk tas-17 ta' Marzu, 2016 u 20 ta' April 2016. Assenza li fl-ebda hin ma giet gustifikata u fiha nnifisha turi nuqqas ta' interess.

8. **<u>Raba' aggravju</u>**.

L-avviz tat-talba mhu xejn ghajr formola stampata. Fl-ewwel faccata hemm stampat il-kliem, ***"KEMM ? Ghid kemm hu l-ammont mitlub mill-intimat"***. Fiha nnifisha din hi t-talba. Inoltre f'dik il-parti tal-formola bil-kliem, *"Ghid x'qed titlob billi tiddikjara fil-qosor il-fatti li wasslu ghat-tilwima"*, l-atturi ddikjaraw:

*"Dikjarazzjoni illi l-intimata hija debitrici tar-rikorrenti fl-ammont ta' elfejn erba' mija sebgha w hamsin euro w erba w disghin centezmu (Euro 2,457.94) rapprezentanti danni illi gew ikkagunati mill-intimata fil-vettura tar-rikorrenti Cassar bin-numru ta' registrazzjoni TAXI 210, wara illi l-intimata serqet il-vettura imsemmija fl-1 ta' Jannar 2014, ghal liema danni kellha taghmel tajjeb is-socjeta rikorrenti abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni".*

Minn dan kollu altru milli hu evidenti li l-atturi talbu li l-konvenuta tigi kkundannat thallas id-danni.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

Anthony Ellul.